# Qorti Kriminali

Imhallef:

**Onor. Imhallef Patrick Vella, B.A., LL.D., M. Jur. (EUR) Law.**

**Ordni ta' Supervizjoni**
(Artikolu 28G, Kap. 9)

Billi b'sentenza moghtija llum, 29 ta' Jannar, 2001 fil-kawza fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Silvio sive Saviour Pace, Att ta' Akkuza 5/2000,* l-imsemmi *Silvio sive Saviour Pace* gie kkundannat minn din il-Qorti ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospiza ghal erba' snin;

U billi din il-Qorti hi tal-fehma li hu desiderabbli li jsir hekk;

Tordna li l-imsemmi *Silvio sive Saviour Pace*, iben Joseph u Victoria nee` Pisani, numru tal-karta tal-identita` 477468(M) jitqieghed taht is-supervizjoni tal-Ufficjal Sorveljanti Mariella Camilleri, u dan ghall-periodu operattiv tas-sentenza sospiza, cioe', ghal erba' (4) snin mill-lum.

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lill-hati u lill-Ufficjal Sorveljanti Mariella Camilleri.

Imhallef

Illum, 29 ta' Jannar, 2001

# Qorti Kriminali

Imhallef:

**Onor. Imhallef Patrick Vella, B.A., LL.D., M. Jur. (EUR) Law.**

**Att ta' Akkuza**
**Nru. 5/2000.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Silvio sive Saviour Pace**

**Illum, 29 ta' Jannar, 2001.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' Akkuza 5/2000 kif emendat b'Nota ta' l-Avukat Generali datata 24 ta' Jannar, 2001, li permezz taghha ai termini ta' l-Artikolu 600 (1) tal-Kodici Kriminali, immodifika w irriduca l-akkuza dedotta fl-Ewwel Kap ta' Akkuza premess, minn wahda ta' tentattiv ta' omicidju volontarju ghall-wahda ta' tentattiv ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna ai termini ta' l-Artikoli 218 u 217 tal-Kodici Kriminali.

Semghet lill-akkuzat Silvio sive Saviour Pace fl-udjenza tal-lum jammetti li huwa hati tar-reati dedotti kontrih f'dan l-Att ta' Akkuza kif emendat, f'liema ammissjoni hu baqa' jippersisti anke wara li l-Qorti wissietu dwar il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni tieghu w anke taghtu zmien xieraq biex jirrikunsidraha.

Rat l-atti tal-process.

Rat l-Artikoli 214, 215, 217, 218, 312 (2), 31, 41 (1) (a), 23, 20, 17 (b) u 533 tal-Kodici Kriminali, u l-Artikoli 9 (1) (3), 3 (1A), 19, 25 (1) (a) (b), 26 u 27 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddikjara lill-akkuzat Silvio sive Saviour Pace hati ta' kull akkuza dedotta kontrih f'dan l-att ta' akkuza kif emendat u cioe' talli fil-post, dati u hinijiet hemm indikati:

***1, Ikkommetta tentattiv ta' offiza gravi volontarja fuq persuna u dan skond l-akkuza taht l-Ewwel Kap kif modifikat u ridott;***

***2. Kien fil-pussess ta' arma tan-nar u munizzjon, xort'ohra milli b'licenzja, u naqas minnufih jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, illi jordna jekk dik l-arma tan-nar u munizzjon ghandhomx***

***jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz, u dan skond l-akkuza taht it-Tieni Kap ta' dan l-Att t'Akkuza kif emendat;***

***3. Minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar u munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu; u***

***4. Zamm u garr xi sikkina li jkollha xafra li tinfetah awtomatikament bi pressjoni ta' l-id applikata fuq buttuna, molla jew mekkanizmu iehor fil-manku jew imwahhal mal-manku tas-sikkina, kultant maghrufa bhala flick knife jew flick gun, jew xi sikkina li jkollha xafra li tohrog mill-manku jew mill-ghant taghha bil-forza ta' gravita' jew bl-applikazzjoni ta' forza centrifugali u li, meta tigi mahruga, tinghalaq fil-post permezz ta' buttuna, molla, lieva jew mekkanizmu iehor, kulltant maghrufa bhala gravity knife.***

Semghet lill-avukat prosekutur u lill-avukat difensur jittrattaw dwar il-piena.

Ikkunsidrat il-fatt li meta akkuzat jammetti l-akkuzi dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri, specjalment ma' l-ewwel opportunita' li tinqalgha u dan qabel ma jkun gja gie furmat il-guri, u b'hekk ikun gie ffrankat hafna hin u spejjes, generalment dak l-akkuzat hati ghandu jibbenifika minn tnaqqis fil-piena. Dan it-tnaqqis, izda, mhux xi haga awtomatika jew bi dritt, kull meta jkun hemm xi ammissjoni, izda jibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti tenut kont tal-fattispecie partikolari w cirkostanzi ta' kull kaz.

Ikkunsidrat ukoll li l-incident meritu ta' dawn il-proceduri gara fi zminijiet ta' krizi fil-hajja matrimonjali bejn il-hati u martu mill-liema zwieg huma ghandhom tmien itfal, bl-akbar wiehed ghandu appena ghaxar (10) snin.

Ikkunsidrat li l-hati f'dawk iz-zminijiet ta' l-incident, u anke illum, kellu w ghad-ghandu l-problema tad-dipendenza fuq l-alkohol, mill-liema vizzju jirrizulta li hu gja beda jipprova jikkura ruhu biex jissuperah u johrog minnu, bhal ma jirrizulta li kellu wkoll snin ilu l-problema tad-droga izda irnexxielu johrog minn dan il-vizzju b'success.

Ikkunsidrat il-fatt li mart il-hati , anke fil-ftit granet wara l-incident u kif jirrizulta mill-atti processwali, kienet inkondizzjonatament hafret lill-hati ghal dan l-agir tieghu, bhal ma rgghet hafritlu u rrikonciljat ruha mieghu, kemm ghall-ahjar interess tal-hati zewgha u tal-familja numeruza taghhom.

Rat il-fedina penali xejn felici ta' l-akkuzat dikjarat hati.

Qieset li ghalkemm il-hati ghandu tali fedina penali, tenut kont ta' l-attwali cirkostanzi, stante li hi temmen li bniedem li qed juri intenzjoni genwina biex jirriforma ruhu, ghandu jinghata l-opportunita' li jaghmel dan minkejja l-passat tieghu, u dan aktar u aktar f'dan il-kaz partikolari meta l-Qorti

qed tikkonsidra sewwa x'inhu fl-ahjar interess tal-familja tant numeruza tal-hati, flimkien ma' x'inhu fl-ahjar interess tal-hati u tas-socjeta.

Tara li f'dan il-kaz jezistu dawk ic-cirkostanzi specjali sabiex il-hati jinghata l-opportunita', li tista' tkun l-ahhar wahda li jinghata, biex jirriforma ruhu darba ghal dejjem u biex jgheleb u johrog mill-vizzju li ghandu tad-dipendenza fuq l-alkohol. F'cirkostanzi bhal dawn il-Qorti lesta li tiehu r-riskju li tghati din l-opportunita' lill-hati. Ovvjament, il-hati ghandu jirrealizza li l-Qorti qed tkun klementi mieghu biex tghinu jkompli fit-triq it-tajba, li tittama li hu jrid genwinament isegwi w sabiex ma ttelfux kull progress li lahaq ghamel f'din it-triq. Il-Qorti theggeg lill-hati biex jimpenja ruhu serjament u japprofitta ruhu sewwa minn din l-opportunita' li qed toffrielu biex jibda hajja gdida, u fl-istess hin qed tavzah li jekk ihalli din l-opportunita' tghaddi minghajr ma jibbenefika minnha kif mixtieq, hu m'ghandux wara jahseb u jippretendi li l-Qorti ser terga tkun klementi mieghu bhal ma qed tkun din id-darba.

Hu proprju ghalhekk li tenut kont ta' dawn ir-ragunijiet kollha, u ta' kull cirkostanza ohra rilevanti, il-Qorti thoss li ghal dik li hi piena indikata f'dan il-kaz, din ghandha tkun dik karcerarja bl-applikazzjoni ta' dak dispost fit-termini ta' l-Artikoli 28 (A) tal-Kap. 9, bl-applikazzjoni ta', jew flimkien ma' l-Artikolu 28 (G) ta' l-istess Kap.9.

Tiddeciedi ghalhekk billi tikkundanna lill-hati Silvio sive Saviour Pace ghall-piena ta' sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9, din qed tigi sospiza ghall-erba (4) snin sakemm hu ma jikkommettix xi reat iehor li jkollu piena karcerarja waqt dan il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, kif ukoll tikkundannah ihallas Lm200 Multa.

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 (a) tal-Kap. 9, il-Qorti qed tpoggi lill-hati taht is-sorveljanza u direttivi ta' Ufficjal ta' Sorveljanza Mariella Camilleri u dan skond l-Ordni ta' Supervizjoni annessa ma' din is-sentenza, u ghaz-zmien hemm imsemmi .

Il-Qorti qed taghmel din l-Ordni, li l-hati esprima ruhu li jrid u li jaccetta li joqghod tahta, sabiex hu joqghod taht kull direttiva li tghatih l-imsemmija Ufficjal ta' Sorveljanza, inkluza kull direttiva necessarja u relatata mal-problema ta' l-alkohol li ghandu.

Fl-ahhar nett tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti u tikkundanna lill-hati sabiex ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9, ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjes peritali inkorsi waqt il-mori ta' dawn il-proceduri ammontanti ghall-Lm130.36c.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-hati kemm ir-risponsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28 (B) tal-Kap. 9, kif ukoll l-effetti ta' din l-Ordni ta' Supervizjoni.

(ft) Joseph Sammut
Dep/Registratur